# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA**
**AĠENT PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Diċembru, 2024.**

**Numru : 1**

**Rikors numru 145/2006/2 BS**

**Giuseppe Mizzi, u b'digriet tal-10 ta' Settembru 2009 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Michael Mizzi, Sina Mizzi u Jacob Mizzi *stante* l-mewt ta' Giuseppe Mizzi fil-mori tal-kawża, u b'digriet tal-11 ta' Ottubru 2016 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Annunziata *sive* Nancy Mizzi, Sina Mizzi u Jacob Mizzi *stante* l-mewt ta' Michael Mizzi fil-mori tal-kawża**

**v.**

**Martin Debrincat u b'digriet tal-14 ta' Marzu 2007 ġiet kjamata fil-kawża Doris Debrincat, mart Martin Debrincat**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni magħmula mill-

konvenut Martin Debrincat u mill-imsejħa fil-kawża Doris Debrincat taħt is-**subartikoli (f), (g)** u **(i) tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex jinstema' mill-ġdid l-appell maqtugħ minn din il-Qorti, b'sentenza mogħtija fid-29 ta' April, 2024, wara li tiġi mħassra l-istess sentenza.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tad-19 ta' Diċembru, 2006, l-attur Giuseppe Debrincat fisser li fit-30 ta' Diċembru, 2005 huwa kien daħal f'konvenju ma' terzi sabiex ibiegħilhom art li tinsab ġewwa l-Għarb, f'Għawdex. Ġara iżda li waqt li n-nutar imqabbad mix-xerrejja prospettivi kien qiegħed jifli r-riċerki li għamel fuq l-attur, huwa sab li din l-art kienet diġà ġiet mibjugħa flimkien ma' ġid ieħor tal-attur u dan b'riħet kuntratt tat-30 ta' April, 2005, li kien ġie ppubblikat min-Nutar Pierre Falzon.

3. L-attur isostni li huwa qatt ma biegħ il-ġid li jissemma f'dan il-kuntratt u jiddikjara għalhekk li dak il-kuntratt huwa simulat, falz u frawdolenti. Jinsisti li huwa ċert li qatt ma deher quddiem in-Nutar Pierre Falzon u li qatt ma rċieva l-flejjes imsemmija f'dak il-kuntratt. Iżid ukoll li jekk wieħed iqabbel il-prezz baxx imniżżel fil-kuntratt mal-ġid kollu li ġie mibjugħ, wieħed dlonk jista' jintebaħ li l-kuntratt kien wieħed simulat. Minħabba f'hekk huwa fetaħ din il-kawża u talab lill-Qorti tal-Maġistrati

(Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri sabiex:

> *«1. Tiddikjara l-att ta' bejgħ li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon tat-30 ta' April 2005, insinwat fit-13 ta' Lulju 2005 (Insinwa numru 13713/05) bħala null u inisistenti [recte: ineżistenti] u għalhekk mingħajr ebda effett fil-Liġi billi in effetti l-esponenti qatt ma resaq għal dak il-kuntratt, u għalhekk dak l-istess att huwa nieqes mill-elementi essenzjali ta' kull kuntratt u ċjoè l-kunsens u l-kawża;*
>
> *2. Tordna r-revoka u r-rexissjoni tal-istess kuntratt;*
>
> *3. Tagħti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni skont il-każ sabiex it-tħassir tal-istess kuntratt ikollu effett anke fil-konfront ta' terzi.*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni.»*

4. Il-konvenut Martin Debrincat wieġeb b'risposta maħlufa tas-16 ta' Frar, 2007 fejn saħaq: (i) li l-atti ta' din il-kawża mhumiex sħaħ għaliex kien hemm ħaddieħor li jidher fuq il-kuntratt li qiegħed jiġi attakkat; (ii) li r-rikors maħluf huwa null għaliex fih premessi li ma joqogħdux flimkien; (iii) li r-raġunijiet imsemmija mill-attur ma jwasslux għan-nullità tal-kuntratt; u (iv) li l-kuntratt huwa validu mhux biss għaliex iħares il-formalitajiet kollha mitluba fil-liġi iżda anke għaliex dan sar bil-kunsens tal-attur.

5. B'digriet mogħti fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2007, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) sejħet fil-kawża lil Doris Debrincat.

6. Din daħħlet ir-risposta maħlufa tagħha fis-26 ta' April, 2007 u qajmet l-eċċezzjonijiet: (i) li l-premessi u t-talbiet tal-attur huma kontradittorji għaliex ma jistgħux jitqajmu l-kawżali tal-iżball u tal-frodi flimkien; (ii) li r-raġunijiet imsemmija mill-attur ma jagħtux lok għat-tħassir

tal-kuntratt; u (iii) li l-kuntratt sar skont il-liġi u bil-kunsens tal-attur.

7. B'digriet tal-10 ta' Settembru, 2009, Michael, Sina u Jacob Mizzi ġew awtorizzati jkomplu l-kawża minflok l-attur Giuseppe Mizzi, li miet hija u miexja l-kawża.

8. Fl-10 ta' Mejju, 2010, il-konvenut Martin Debrincat u l-imsejħa fil-kawża Doris Debrincat ressqu tweġiba maħlufa oħra fejn żiedu l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku ta' Michael, Sina u Jacob Mizzi sabiex jissoktaw b'din il-kawża minħabba li sostnew li Giuseppe Mizzi kien għamel affidavit fl-10 ta' Ġunju, 2009 fejn kien stqarr li huwa kellu għarfien tal-kuntratt tat-30 ta' April, 2005 u li kien sejjer iwaqqa' din il-kawża.

9. Fis-seduta tat-2 ta' Diċembru, 2010, il-partijiet kienu qablu li din il-kawża għandha timxi flimkien mal-kawża ***Michael Mizzi et v. Martin Debrincat et (Rik. 94/2010)*** li nfetħet sabiex jiġi mħassar l-affidavit ta' Giuseppe Mizzi tal-10 ta' Ġunju, 2009. L-aħħar kawża bin-numru 94/2010 ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020 u fiha ġiet ikkonfermata d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, li l-affidavit tal-10 ta' Ġunju, 2009 magħmul minn Giuseppe Mizzi huwa falz għaliex ma jirriflettix il-volontà tiegħu billi rriżulta li dan l-affidavit sar permezz ta' qerq imwettaq minn Martin Debrincat.

10. Sadattant miet Michael Mizzi u b'digriet tal-11 ta' Ottubru, 2016 l-atti tal-kawża komplew f'isem uliedu Sina u Jacob Mizzi u martu Annunziata *sive* Nancy Mizzi.

11. Aktar tard, b'sentenza mogħtija fis-16 ta' Diċembru, 2022, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż kontrihom.

12. B'rikors tal-10 ta' Jannar, 2023, l-atturi appellaw mis-sentenza tal-Ewwel Qorti għaliex ilmentaw li ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ kellhom iwasslu għall-konklużjoni li jew il-kuntratt tat-30 ta' April 2005 huwa kompletament falz, jew inkella jekk il-firma li hemm fuq l-istess kuntratt hija dik tal-attur allura dik il-firma ġiet miksuba b'qerq. Għalhekk talbu biex titħassar is-sentenza appellata u jiġu milqugħa t-talbiet attriċi.

13. Illi b'sentenza mogħtija fid-29 ta' April, 2024, din il-Qorti b'Imħallfin differenti laqgħet l-appell tal-atturi u b'hekk ħassret is-sentenza appellata. Minflok il-Qorti tal-Appell iddikjarat li l-kuntratt tat-30 ta' April, 2005 huwa null u ineżistenti għaliex sar mingħajr il-kunsens ta' Giuseppe Mizzi u bħala riżultat ħatret lin-Nutar Timothy Ellis sabiex jippubblika l-att ta' rexxissjoni tiegħu.

14. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Qorti tal-Appell biex tiddeċiedi b'dan il-mod kienu dawn:

*«9. L-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi wara li għamlet diversi konsiderazzjonijiet li din il-Qorti qiegħda tissintesizza kif ġej:*

*- L-espert kaligrafiku kkonkluda li l-firma fuq il-kuntratt tat-30 ta' April 2005 mhix falza, u hija tal-attur Giuseppe Mizzi. L-espert ma ġiex eskuss, u l-konklużjoni tiegħu ma ġietx kontradetta.*

*- Mix-xhieda kemm tan-Nutar Pierre Falzon u kemm tat-Tabib Anton Mifsud, li kienu preżenti meta sar il-kuntratt, ma jirriżultax li seta' kien hemm atmosfera ta' tħassib waqt il-proċess ta' pubblikazzjoni, jew li l-att seħħ taħt ċirkostanzi suspettużi.*

*- L-attur seta' kien propens li jikkuntratta u żmien wara jinsa li jkun ikkuntratta, kif sar fil-każ tal-kuntratt tat-30 ta' Settembru 1991, fejn hu u oħtu Maria (rappreżentati minn Reginald Delicata) biegħu porzjon art lill-konvenut Martin Debrincat, għalkemm huwa qal li qatt ma biegħ xejn lill-konvenut. Anke fir-rigward tal-kuntratt inkwistjoni tat-30 ta' April 2005 jidher li nesa li kien ittrasferixxa waħda mill-proprjetajiet, li fil-fatt tidher ingassata fuq l-att stess (jidher li r-referenza hija għall-proprjetà indikata bl-ittra (e), ara kronoloġija ta' fatti, supra).*

*- L-attur seta' kien it-tip li filli jkun sewwa ma' xi ħadd u filli le. Hekk ġara fir-rigward tal-inċident tal-camera li waħħal il-ġar Michael Mizzi, u anke fir-rigward tal-konvenut meta filli kien iħallih idewwilu siequ, iżda wara forsi biddel fehmtu dwaru.*

*- Ħadd mill-atturi li ġew istitwiti eredi tal-attur Giuseppe Mizzi bit-testment tal-31 ta' Mejju 2009 ma deherlu li għandu jikkontesta l-veraċità tat-testment, u allura jiġi li aċċettaw il-kapaċità ta' Giuseppe Mizzi li jikkontratta.*

*- Minn xhieda indipendenti jirriżulta li l-attur dejjem xtaq li jżomm il-pussess tal-proprjetajiet immobbli f'idejh inkluż jekk jikkuntratta l-bejgħ tagħhom.*

*- Il-konsiderazzjonijiet li saru fil-kawża 94/2010 fir-rigward tal-affidavit tal-10 ta' Ġunju 2009 (fejn ġie dikjarat li tali affidavit ma jirriflettix il-volontà libera ta' Giuseppe Mizzi) ma jsibux applikazzjoni f'din il-kawża għaliex l-affidavit sar kważi erba' snin wara l-kuntratt inkwistjoni, u meta sar l-affidavit l-attur kien rikoverat l-isptar b'deni għoli u mard serju.*

*- L-attur għamel din il-kawża "aktar minn sena wara li sar u ġie insinwat l-att".*

*- Għalkemm l-atturi jargumentaw li l-prezz indikat fuq il-kuntratt tat-30 ta' April 2005 huwa "irriżorju", is-sid għandu d-dritt jiddisponi mill-assi kif jixtieq u għal kwalunkwe prezz.*

*10. Fir-rikors promutur tiegħu l-attur Giuseppe Mizzi ppremetta li l-kuntratt*

*inkwistjoni tat-30 ta' April 2005 huwa "simulat, falz u frawdolenti" għaliex isostni li huwa ċert li qatt ma ttrasferixxa lill-konvenut jew lil ħaddieħor il-proprjetà kollha li tissemma fih.*

*11. L-espert kalligrafiku Joseph Gaffiero, wara li qabbel il-firma ta' Giuseppe Mizzi li tidher fuq il-kuntratt ma' kampjuni oħra tal-firma tiegħu kkonkluda li l-firma li tidher fuq il-kuntratt hija fil-fatt il-firma ġenwina tiegħu, ċjoè ma ġietx iffalsifikata.*

*12. L-Ewwel Qorti osservat li l-espert kalligrafu la ġie eskuss u lanqas b'xi mod kontradett jew sfidat fil-konklużjonijiet tiegħu u għalhekk dehrilha li ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex kellha tiddipartixxi mill-konklużjonijiet tiegħu. Hija kkunsidrat wkoll jekk Giuseppe Mizzi setax iffirma l-kuntratt inkwistjoni bħala riżultat ta' aġir qarrieqi da parti tal-konvenut, fejn ikkonkludiet li ma kienx il-każ.*

*13. Kif ingħad, l-atturi fl-appell tagħhom isostnu li l-kuntratt jew ġie ffabbrikat (ċjoè l-firma ta' Giuseppe Mizzi kienet falsifikata), jew li l-firma "awtentika" ta' Giuseppe Mizzi fuq il-kuntratt inkwistjoni ġiet prokurata b'qerq, bl-istess mod li l-firma tiegħu fuq l-affidavit mertu tal-kawża 94/2010 ġiet prokurata b'aġir kaptattiv (kif deċiż fis-sentenza mogħtja fl14 ta' Ottubru 2014 u kkonfermata fl-appell fis-27 ta' Marzu 2020).*

*<u>(i) L-awtentiċità o meno tal-firma:</u>*

*14. Kwantu għall-allegazzjoni li l-kuntratt kien għalkollox iffabbrikat (bil-firma allura falsifikata), din il-Qorti taċċenna għal dak li spjega l-espert kalligrafu fir-rapport tiegħu, senjatament illi:*

> *«Giuseppe Mizzi, sew minħabba l-età u anke peress li ma jidhirx li huwa mdorri jiffirma ta' spiss isib diffikultà sabiex jiffirma bir-riżultat li huwa jmur għall-firma sintesizzata bħala "Gos Mizzi" li tirriżulta mriegħda u b'ħafna skossi.»*

*15. Issa ma jistax jiġi negat li meta l-firma ta' xi ħadd tkun imriegħda u mimlija skossi din tkun ferm iktar faċli biex tiġi kkupjata u falsifikata milli firma li tkun soda u kontinwa. Fil-fatt wieħed mill-elementi li jippermetti li tinkixef il-falsità ta' firma huwa proprju l-iskossi, għaliex min ikun qiegħed jikkopja mill-oriġinali jkollu jikteb bil-mod u allura ma tkunx kontinwa (flowing) bħal fil-każ ta' firma ġenwina u awtentika.*

*16. Għalhekk minkejja dak li kkonkluda l-espert kalligrafu ma jistax jiġi eskluż li l-preżenza tal-iskossi fil-kampjuni tal-firem awtentiċi ta' Giuseppe Mizzi (liema firem ġew ikkomparati mal-firma li tidher fuq il-kuntratt inkwistjoni) jista' jkun li qarrqet bl-espert ukoll.*

*17. In vista ta' dan din il-Qorti tistqarr li għandha dubji serji kemm il-firma li tidher fuq il-kuntratt saret minn Giuseppe Mizzi stess. L-indikazzjonijiet qawwija li l-konvenuti jinqdew b'mezzi qarrieqa jwassluha għall-konklużjoni illi aktar tista' temmen lil Giuseppe Mizzi meta jgħid illi lfirma*

*ma hijiex tiegħu.*

*<u>(ii) L-allegazzjoni li jekk il-firma hija awtentika allura saret riżultat ta' aġir qarrieqi:</u>*

*18. Issa anke kieku kellu jitqies li l-firma li saret fuq il-kuntratt inkwistjoni effettivament saret minn Giuseppe Mizzi stess, ma jfissirx neċessarjament li l-kuntratt jirrifletti r-rieda ta' Giuseppe Mizzi, għaliex tenut kont tal-fatt li kien raġel illitterat u li fl-2005 kien raġel anzjan, 'il fuq minn tmenin sena, ma jistax jiġi eskluż li huwa spiċċa biex poġġa l-firma tiegħu fuq il-kuntratt bħala riżultat ta' aġir qarrieqi. Għalkemm in-Nutar Pierre Falzon fix-xiehda tiegħu sostna li Giuseppe Mizzi fehem il-kuntratt li kien qiegħed jiffirma, fejn huwa anke għadd il-flus kontanti li ngħatawlu (Lm21,000) bħala prezz, filwaqt li t-Tabib Anton Mifsud, fix-xhieda tiegħu qal li kien preżenti dakinhar tal-kuntratt u li kien sodisfatt li Giuseppe Mizzi kien fi stat mentali tajjeb, u li kien sodisfatt li kien jaf x'qiegħed jagħmel, hemm depożizzjonijiet ta' xhieda oħra kif ukoll ċirkostanzi ferm partikolari konnessi ma' dan il-kuntratt li jimmeritaw apprezzament profond.*

*19. L-attur Giuseppe Mizzi jiċħad li qatt iltaqa' man-Nutar Pierre Falzon, jew li ffirma xi kuntratt bħal dan inkwistjoni jew li kien preżenti f'xi post in-Nadur għal din il-pubblikazzjoni simili. Hija sinifikanti r-reazzjoni ta' Giuseppe Mizzi stess meta ġie infurmat bl-eżistenza tal-kuntratt, kif deskritta min-Nutar Dimech. In-Nutar Enzo Dimech, li kien in-nutar li għamel ir-riċerki relattivi għall-proprjetà "Ta Nawrata", li dwarha Giuseppe Mizzi kien fuq konvenju sabiex ibiegħha lil terzi, xehed li meta għarraf lil Giuseppe Mizzi li ma setax ibiegħha għaliex din kienet diġà nbiegħet is-sena ta' qabel flimkien ma' diversi proprjetajiet oħra tiegħu, huwa kien maħsud:*

> *«Joseph Mizzi kien sorpriż ħafna. Xħin għidtlu u staqsejtu, isma', din il-proprjetà inti bgħetha diġà, flimkien ma' proprjetajiet oħra, hu ċaħad, quddiemi ċaħad, li xi darba ffirma kuntratti ta' bejgħ ta' din il-proprjetà. U wisq anqas tal-proprjetajiet l-oħra. Jiġifieri hu deher sorpriż, maħsud…dawk l-aġġettivi li nuża.»*

*20. In-Nutar Dimech kompla jgħid li sussegwentement Giuseppe Mizzi għamel affidavit quddiemu fil-preżenza tal-avukat tiegħu Dr Alfred Grech. Qal li l-affidavit, (Dok ED1, fejn l-attur sostna li l-kuntratt tat-30 ta' April 2005 huwa frott ta' qerq u ingann) kitbu hu. Giuseppe Mizzi stess, fix-xhieda tiegħu viva voce kkonferma li n-nutar qralu x'kiteb fl-affidavit u hu kien fehem u qal li dak li qralu kien jaqbel ma' dak li kien irrakkonta lill-avukat tiegħu.*

*21. Rilevanti wkoll huwa l-fatt li tmien xhur biss wara li sar il-kuntratt inkwistjoni tat-30 ta' April 2005, l-attur fit-30 ta' Diċembru 2005 għamel konvenju ma' terzi biex ibiegħlhom waħda mid-diversi proprjetajiet mertu tal-kuntratt tat-30 ta' April 2005. F'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti kkummentat li seta' kien il-każ li l-attur kien propens li jikkontratta mbagħad jinsa li jkun ikkontratta u ssemmi żewġ episodji:*

*(a) wieħed fejn minkejja li Giuseppe Mizzi qal li qatt ma biegħ xejn lill-konvenut, irriżulta li fl-1991 hu u oħtu (rappreżentati minn ħaddieħor) kienu biegħulu proprjetà; u*

*(b) ieħor fir-rigward ta' waħda mill-proprjetajiet li ġew elenkati fuq l-abbozz tal-kuntratt tat-30 ta' April 2005 (dik bl-ittra (e)) li mbagħad ġiet ingassata għaliex fil-fatt kien irriżulta li kienet ġiet ittrasferita.*

*22. Dwar il-każ tal-proprjetà tal-1991, tenut kont li kienu għaddew għexieren ta' snin, u anke tenut kont li kien għamel diversi kuntratti f'ħajtu (fil-fatt varji kuntratti ġew esebiti fl-atti) mhux xi ħaġa sorprendenti li kien nesa. Dwar il-proprjetà li tniżżlet fl-abbozz tal-kuntratt u li mbagħad ġiet ingassata, in-Nutar Pierre Falzon stess qal li biex abbozza l-kuntratt huwa rrefera għad-dikjarazzjoni causa mortis li kien għamel Giuseppe Mizzi, u mbagħad irriżulta li kienet ġiet trasferita; għalhekk ma jidhirx li dan kien każ fejn l-attur nesa li kien biegħ tali proprjetà. In oltre fix-xhieda tiegħu in-Nutar Enzo Dimech sostna li Giuseppe Mizzi kien ċar ħafna fir-rigward tal-provenjenza tal-art li obbliga ruħu li jbiegħ bil-konvenju tat-30 ta' Diċembru 2005 u li dak li qallu kien fil-fatt ġie kkonfermat mir-riċerki li għamel. Għalhekk huwa inverosimili għall-aħħar li Giuseppe Mizzi ttrasferixxa xejn inqas minn erbatax-il proprjetà (inkluż addirittura d-dar tiegħu) u tmien xhur wara "nesa" kompletament li kien għamel tali trasferimenti.*

*23. Fattur ieħor li jistona mhux ftit huwa l-fatt li filwaqt li skont il-kuntratt tat-30 ta' April 2005 huwa biegħ erbatax-il proprjetà għall-prezz ta' Lm21,000, meta tmien xhur wara daħal f'konvenju sabiex ibiegħ waħda biss minn tali proprjetajiet li din kienet għall-prezz ta' Lm200,000. Veru li, kif ikkummentat l-Ewwel Qorti, bniedem għandu d-dritt li jiddisponi mill-proprjetà tiegħu għal kwalunkwe prezz, u veru ukoll fil-każ tal-proprjetajiet ittrasferiti bil-kuntratt tat-30 ta' April 2005 huwa żamm favur tiegħu id-dritt tal-użu (u għalhekk ix-xerrej ma seta' jagħmel xejn bihom sakemm jiġi nieqes l-attur) iżda dan l-ammont huwa xorta waħda fi kliem l-attur stess "ridikolu" meta wieħed iqis il-kwantità ta' proprjetajiet mertu tal-kuntratt.*

*24. Fattur ieħor rilevanti huwa li minkejja li skont il-kuntratt inħarġet id-debita riċevuta għall-ħlas tal-prezz, ossia Lm21,000 fi flus kontanti, ma saritx prova oġġettiva ta' dan il-ħlas (għajr ix-xhieda tal-konvenut u nnutar).*

*25. L-Ewwel Qorti kkummentat ukoll li l-attur seta' kien filli t-tip li jkun tajjeb ma' dak li jkun u filli le. F'dan ir-rigward taċċenna għas-segwenti:*

*(a) l-inċident tal-cameras li l-ġar tiegħu Michael Mizzi waħħal mad-dar tiegħu (ta' Giuseppi Mizzi) fejn l-ewwel oġġezzjona tant li għamel kwerela tramite l-Avukat Edward Gatt imbagħad baqgħu fejn kienu;*

*(b) Il-fatt li l-attur kien jikkontratta mal-konvenut (l-attur kien ibiegħlu l-ġobon, il-konvenut kien iressaqlu nies sabiex iqabblilhom ir-raba', u l-att tal-kompravendita tal-1991, il-konvenut għamel żmien idewwilu sieqεu) imbagħad "biddel fehmtu" dwaru.*

*26. Dwar l-episodju tal-cameras, jirriżulta li kien il-konvenut li ħadu Malta għand l-Avukat Edward Gatt sabiex dan jagħmel kwerela fir-rigward tal-cameras. Giuseppe Mizzi però xehed li ma joġġezzjonax għall-cameras. Pjuttost jidher li kien il-konvenut stess li ma kienx kuntent bihom tant li Giuseppe Mizzi stess qal li l-konvenut qala' waħda minnhom u hu (il-konvenut) u l-ġar Michael Mizzi (illum wieħed mill-atturi werrieta ta' Giuseppe Mizzi) kellhom xi jgħidu. Li Giuseppe Mizzi seta' kellu relazzjonijiet mal-konvenut imbagħad "biddel fehmtu", dan ma jiġġustifikax li jagħmillu kawża sabiex iwaqqa' kuntratt li preċedentement għamlu flimkien; min-naħa l-oħra jekk il-kuntratt mertu ta' din il-kawża sar b'qerq ma hija sorprendenti xejn li r-relazzjonijiet li kellhom spiċċaw u ma baqgħux sewwa hekk kif Giuseppe Mizzi ntebaħ bih.*

*27. Jidher mill-provi li l-konvenut kien mhux biss imur id-dar tal-attur (li kien ġuvni u joqgħod waħdu) iżda kien ukoll joħorġu bil-karozza. Il-konvenut Martin Debrincat stess xehed li kien jieħdu miegħu fil-post li kellu l-Belt, fejn anke rawh tobba nkluż it-tabib Anton Mifsud, u fejn anke kienu jfittxuhom Maltin biex ikellmu lil Giuseppe Mizzi biex jikrilhom għall-kaċċa u nsib jew biex ibiegħlhom. Jirriżulta wkoll li l-konvenut ġieli qallu li ser jieħdu post imbagħad jieħdu post ieħor. Hekk pereżempju darba minnhom fl-2005 Giuseppe Mizzi jirrakkonta episodju meta kellu uġigħ f'sieqU u l-konvenut offra li jieħdu l-isptar ta' Għawdex, iżda mat-triq induna li kien ser jieħdu Malta; fil-fatt rikkbu l-vapur u ħadu f'appartament f'tas-Sliema sabiex jarah l-ispeċjalista hemm. Kompla jixhed li l-ispeċjalista ma ġiex u spiċċa raqad fl-appartament mal-konvenut fejn imbagħad invistah l-ispeċjalista l-għada filgħodu u fejn skont l-istess attur, l-ispeċjalista ħa lill-konvenut f'kamra oħra u semgħu jgħidlu "ma nistgħu nagħmlu xejn għax dan għadu aħjar minni". Jirrakkonta wkoll episodju fejn ħadu Malta biex jara tabib iżda minflok ħadu għand avukat. Qal li ma jafx min hu l-avukat jew fejn kien l-uffiċċju tiegħu iżda jaf li ma kienx il-Belt.*

*28. Hemm imbagħad ix-xhud Frank Calleja (prodott mill-konvenuti) li fix-xhieda tiegħu mogħtija fl-2017 qal li erbatax-il sena qabel (ċjoè għall-ħabta tal-2003) il-konvenut ħajru jixtri xi proprjetà u kien ħadu għand Giuseppe Mizzi fejn tkellmu fuq bejgħ ta' proprjetà. Qal li Giuseppe Mizzi kien interessat ibiegħlu l-proprjetà bil-kundizzjoni li jidħol fiha wara mewtu, iżda hu ma kienx interessat. Però apparti li ma ssemmewx prezzijiet, is-sempliċi fatt per se li l-attur seta' ried ibiegħ il-proprjetà tiegħu u jżommha sa mewtu ma tikkostitwixxix prova tal-veraċità tal-kuntratt inkwistjoni.*

*29. L-Ewwel Qorti kkummentat ukoll fuq il-fatt li l-werrieta ta' Giuseppe Mizzi (li f'isimhom ġie trasfuż il-ġudizzju wara mewtu) ma kkontestawx il-veraċità tat-testment tiegħu u allura aċċettaw il-kapaċità tiegħu li jikkuntratta fir-rigward tal-proprjetà tiegħu. Iżda kif jargumentaw l-istess eredi atturi, apparti li lanqas jagħmel sens li huma jikkontestaw testment li jibbenefika lilhom, il-kapaċità mentali ta' Giuseppe Mizzi qatt ma tpoġġiet fid-dubju, la fir-rigward tal-affidavit mertu tal-kawża 94/2010 u lanqas fir-rigward tal-kuntratt mertu ta' din il-kawża. It-teżi tal-attur fil-fatt hija li l-konvenut "ħadlu ħwejġu" permezz ta' kuntratt simulat, falz u frawdolenti, u*

*għalhekk kellu jipprova jew li ġiet falsifikata l-firma tiegħu jew għaliex b'qerq ġie indott sabiex jiffirma (hawnhekk jiġi enfasizzat li si tratta ta' raġel anzjan u illitterat).*

*30. Ta' rilevanza huwa dak li l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, kkummentat fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Ottubru 2014 fir-rigward tal-kawża 94/2010/PC dwar id-determinazzjoni li kellu Giuseppe Mizzi li jaqa' l-kuntratt tat-30 ta' April 2005 sabiex jiġbor lura dak li ħadlu l-konvenut:*

> *«…din il-Qorti kellha l-opportunità tisma' lil Giuseppe Mizzi jixhed quddiemha, u setgħet tosserva d-determinazzjoni tiegħu biex jaqa' l-kuntratt li bih kien ittrasferixxa l-beni immobbli tiegħu lill konvenuti. Infatti meta l-legali tal-konvenut saqsieh speċifikament għaliex ried jiftaħ il-kawża, Mizzi wieġeb bla tlaqliq: "Allura kif mela? Mela kif ħa niġbor ħwejġi, ladarba ħwejġi ladarba ħwejġi ħadhieli dak? (b'referenza għall konvenut).»*

*31. Ta' rilevanza wkoll huwa l-fatt li fit-testment tiegħu tal-31 ta' Mejju 2009, fejn Giuseppe Mizzi istitwixxa lil Michael Mizzi u lil uliedu Jacob u Sina Mizzi bħala l-eredi tiegħu, huwa ordna lil Michael Mizzi jkompli bil-kawża li huwa istitwixxa kontra Debrincat.*

*32. Dan it-testment fil-fatt sar proprju għaxart ijiem qabel l-affidavit tal-10 ta' Ġunju 2009 mertu tal-kawża 94/2010, li sussegwentement ġie dikjarat minn din il-Qorti bħala frott ta' aġir qarrieqi tal-konvenut Debrincat.*

*33. U dan issa jwassalna għall-kwistjoni dwar jekk il-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-affidavit mertu tal-kawża 94/2010 għandhomx applikazzjoni għal din il-kawża. L-Ewwel Qorti qieset li dan ma kienx il-każ tenut kont tal-fatt li l-episodju tal-affidavit seħħ erba' snin wara l-kuntratt, fl-aħħar ta' ħajjet Giuseppe Mizzi, meta dan kien rikoverat l-isptar, marid u b'deni għoli.*

*34. Din il-Qorti invece jidhrilha li l-konsiderazzjonijiet dwar tali affidavit ma kellhomx jiġu skartati daqshekk leġġerment. Veru li ċ-ċirkostanzi rigwardanti l-kuntratt mertu ta' dan il-każ seħħew erba' snin qabel tali affidavit iżda l-konvenut f'din il-kawża huwa l-istess persuna li din il-Qorti fis-sentenza li tat fil-kawża 94/2010 irriteniet li kienet moralment konvinta li użа "mezzi qarrieqa" biex wassal lill-Giuseppe Mizzi biex jiffirma l-affidavit inkwistjoni, u li tali affidavit ma jirriflettix il-volontà ħielsa ta' Giuseppe Mizzi. Jiġi enfasizzat ukoll li f'dan l-affidavit kien ġie dikjarat mhux biss li Giuseppe Mizzi ried iċedi l-kawża, iżda wkoll li kien għamel kuntratt fit-30 ta' April 2005 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon li permezz tiegħu biegħ numru ta' proprjetajiet lil Martin Debincat fil-preżenza tal-istess nutar u tat-tabib Anton Mifsud.*

*35. L-atturi appellanti fl-appell tagħhom jaċċennaw ukoll għas-sentenza mogħtija kontra n-Nutar Pierre Falzon fil-proċeduri kriminali kontrih fejn ikkundannatu għal ħames snin priġunerija u ordnat fil-konfront tiegħu l-interdezzjoni ġenerali perpetwa u wkoll li jiġi skwalifikat milli jkollu l-warrant ta' nutar pubbliku, dan talli instab ħati li dawwar bi profitt għalih jew persuni*

*oħra, ammonti ta' flus fdati lilu minn diversi persuni. Fil-fatt fis-sentenza mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2018 fil-kawża Pulizija vs Pierre Falzon (Kumpilazzjoni 251/2012) il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali inter alia rrieniet hekk:*

> *«…din il-Qorti qiegħda tieħu inkonsiderazzjoni il-gravità tal-każ, fejn in-nutar Falzon imbarka fuq kondotta sfrenata bla rażan u bla konfini bi skop wieħed – dak li jisloħ kemm jiflaħ lil persuni inġenwi u intortament, fejn l-uniku 'nuqqas' tagħhom kien li fdawh bi flushom; kondotta mingħajr skruplu u bla ebda kont jew interess għal dawk li fdawh biex jittutela d-drittijiet u l-akkwisti tagħhom, jew meta ressqu għandu fi żmien ta' niket u swied il-qalb biex jagħmlu xi causa mortis.*
>
> *Illi l-Liġi fdat fil-kariga ta' Nutar inkarigi u doveri li jiddependu u huma msejsa fuq integrità, onestà u sinċerità. Kondotta simili tnaqqar irreparabilment ir-rispett lejn il-professjoni legali u l-fiduċja tas-soċjetà fiha, filwaqt li tkattar biża', jekk mhux tnissel twemmin, li lanqas fadal għand min tirrikorri jekk huma dawk li suppost jipproteġuk u jassistuk – u li lejhom hija l-Ligi stess li tobbligak tirrikorri - li jispiċċaw iqarrqu bik!»*

*36. Fil-fatt din il-Qorti tosserva li s-sentenza ġiet appellata u fit-23 ta' Ġunju 2020, il-Qorti tal-Appell Kriminali (App. Nru. 384/2018) fil-kawża Pulizija v. Pierre Falzon irriduċiet iż-żmien ta' priġunerija minn ħames (5) snin għal erbgħa (4). Hija inter alia qalet hekk:*

> *«Din il-Qorti tenfasizza li l-aġir tal-appellant kien wieħed deplorabbli u li ma jagħmilx ġieħ lil professjoni notarili. Numru kbir ta' persuni batew konsegwenzi serji riżultat tal-aġir tal-appellant. L-appellant kien uffiċjal pubbliku meta kkommetta r-reati inkwistjoni u li għalhekk persuna fdata mis-soċjetà fejn partijiet jagħżlu li pereżempju jħallu d-depożitu fuq konvenju man-Nutar minflok ma jgħadduh lil venditur u dan peress li jkollhom ċertu fiducja fin-Nutar. Ċertament li wieħed ma jistenniex li ser jingidem mill-istess Nutar li suppost kellu jissalvagwarda l-interessi taż-żewġ partijiet bħal każijiet fejn meta jirċievi flejjes destinati sabiex pereżempju titħallas taxxa, dan ma jsirx. Ċertament li l-aġir tal appellant tefa' dell ikrah fuq il-professjoni notarili u għal dan l-appellant għandu jwieġeb.»*

*37. Il-konvenut appellat jargumenta li din il-Qorti m'għandhiex tagħti konsiderazzjoni għal dokumenti (ossia sentenzi) li ma jiffurmawx parti mill-atti abbażi tal-massima legali quod non est in actis non est in mundo u wkoll għaliex l-fatti mertu tal-kawża kriminali ġraw "ferm wara" l-kuntratt li l-atturi qed jippruvaw jimpunjaw.*

*38. Għalkemm huwa minnu li l-Qorti għandha tiddeċiedi l-vertenza li jkollha quddiemha abbażi tal-provi li jkunu tressqu fl-atti tal-kawża, ma jfissirx li ma tistax tirreferi għal sentenzi, iktar u iktar meta tkun saret referenza għalihom minn xi parti. Hekk kif il-Qorti għandha kull dritt li tagħmel aċċess għall-ġurisprudenza sabiex tissostanzja l-konsiderazzjonijiet tagħha, m'hemm xejn x'iżommha milli taċċessa ġurisprudenza li tkun ġiet indikata minn xi parti sabiex jissostanzjaw it-teżi tagħhom.*

*39. Issa għalkemm il-proċeduri kriminali suriferiti nbdew fl-2012, iż-żmien tal-akkużi li bihom ġie mixli jirrisalu għal "Lulju 2011 u fix-xhur u s-snin ta' qabel", għalhekk qajla jista' jingħad li għaddew għexieren ta' snin bejn iż-żmien li sar il-kuntratt u l-aġir mertu tal-proċeduri kriminali. Fi kwalunkwe każ mis-sentenza kriminali jirriżulta biċ-ċar il-propensità tan-Nutar Pierre Falzon li jaġixxi b'mod mhux integru u onest, u li jagħmel affarijiet deplorabbli għall-interessi u għall-gwadann finanzjarju tiegħu. Għalhekk id-depożizzjoni tiegħu f'din il-kawża qajla hija ta' min wieħed joqgħod fuqha. Dan apparti li l-ebda Nutar mhu ser jixhed kontra l-veraċità tal-att magħmul minnu stess. Fost l-affarijiet li jgħid fix-xhieda tiegħu sabiex jissostanzja l-verżjoni tal-konvenut li l-kuntratt kien wieħed ġenwin, isemmi li kienet fuq insistenza ta' Giuseppe Mizzi stess li fil-kuntratt ġie dikjarat li kien qiegħed iżomm favur tiegħu d-dritt tal-użu sakemm imut; iżda dan qajla huwa prova li Giuseppe Mizzi kien qiegħed jagħmel il-kuntratt bil-kunsens ħieles tiegħu, għaliex jekk tali kuntratt kien frott ta' aġir qarrieqi, fejn allura l-istess Giuseppe Mizzi ma kienx ser ikun jaf li biegħ il-proprjetajiet tiegħu, il-konvenut u kwalsiasi suċċessuri fit-titolu tiegħu, kienu fi kwalunkwe każ ikollhom jistennew sakemm imut Mizzi qabel ma jagħmlu pussess fuqhom sabiex ma jattirawlux l-attenzjoni.*

*40. Kwantu għat-Tabib Anton Mifsud, jgħid li dakinhar tal-kuntratt kien tela' Għawdex minn Malta, ġabru l-konvenut u ħadu f'post in-Nadur li jinsab żewġ blokok 'il bogħod minn fejn joqgħod it-tifel. Qal li assuma li kien l-uffiċċju tan-Nutar Pierre Falzon. Xehed li kien preżenti meta sar il-kuntratt inkwistjoni u li Giuseppe Mizzi kien fi stat mentali tajjeb, però għalkemm qal li baqa' preżenti matul il-kuntratt kollu ma ġiex mistoqsi jekk rax lil Giuseppe Mizzi jgħodd il-Lm21,000 fi flus kontanti, fattur rilevanti ferm sabiex jiġi kkonstatat jekk meta Giuseppe Mizzi poġġa l-firma tiegħu fuq karta li kienet il-kuntratt tat-30 ta' April 2005 kienx jaf li kien qiegħed jiddikjara li qiegħed jittrasferixxi l-proprjetajiet tiegħu.*

*41. Din il-Qorti wara li ħasbet fit-tul fuq din il-vertenza hija konvinta, almenu fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, li jekk Giuseppe Mizzi, bniedem anzjan jgħodd 'il fuq minn tmenin sena u li ma jafx jaqra u jikteb, poġġa l-firma tiegħu fuq il-kuntratt tat-30 ta' April 2005 ma kienx jaf li qiegħed jiffirma sabiex jittrasferixxi erbatax-il proprjetà lill-konvenut. Kieku kien hekk ma kienx jinħasad u jiftaħ il-kawża odjerna dlonk kif sar jaf mingħand in-Nutar Dimech bil-kuntratt in kwistjoni. L-Ewwel Qorti kkummentat fuq il-fatt li l-attur intavola din il-kawża "aktar minn sena wara li sar u ġie insinwat" bħallikieku din il-kawża kienet xi afterthought. Iżda fil-fatt jidher li huwa intavola din il-kawża appena sar jaf, u dan jidher li kien lejn l-aħħar tas-sena 2006. Kif xehed in-Nutar Enzo Dimech, l-attur kien sorpriż u maħsud meta sar jaf bil-kuntratt tat-30 ta' April 2005, u r-reazzjoni tiegħu kienet li jagħmel affidavit għandu stess sabiex ikollu mniżżel abjad fuq l-iswed u bil-ġurament tiegħu li huwa qiegħed jiċħad li qatt għamel dak ilkuntratt u li invece huwa "frott ta' qerq u ingann". Dan l-affidavit għamlu fid-9 ta' Diċembru 2006 u ftit ġimgħat wara, fit-30 ta' Diċembru 2006 pront intavola l-kawża.*

*42. Issa veru li Giuseppe Mizzi baqa' ma rrakkonta xejn dwar x'seta' ġara biex spiċċa għamel il-firma tiegħu fuq is-suppost kuntratt, (dejjem jekk il-firma hija fil-fatt il-firma ġenwina tiegħu) iżda wieħed ma jridx jinsa li l-konvenut kien midħla sew tiegħu, u għalhekk kien hemm diversi opportunitajiet fejn seta' mmanipulah biex jiffirma tali att, anke bl-assistenza ta' nies professjonali. L-episodju tal-affidavit li l-konvenut ġiegħlu jagħmel l-isptar, anke jekk erba' snin wara (fl-2009), kixef biċ-ċar l-animu doluż tiegħu u wera sa fejn kien kapaċi jasal sabiex jieħu dak li jrid. Il-fatt li mmanipulah fl-2009 bl-assistenza ta' Nutar u Tabib, ma jfissirx li ma setax immanipulah ukoll erba' snin qabel, ukoll bl-assistenza ta' Nutar u Tabib. Jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Ottubru 2014 fir-rigward tal-kawża (94/2010) issottolineat li kienet il-"kaptazzjoni qarrieqa użata mill-konvenut permezz tat-tabib Refalo li wasslitu biex jiffirma l-affidavit ippreparat min-Nutar Hili", konklużjoni li ġiet ikkonfermata minn din il-Qorti tal-Appell fis-sentenza mogħtija minnha fis-27 ta' Marzu 2020. Dan l-episodju juri kemm il-konvenut jaf jinqeda tajjeb bil-venalità ta' ċerti professjonisti sabiex iqarraq b'dak li jkun għall-interessi tiegħu. Giuseppe Mizzi, bħala bniedem li kien ġuvni, li kellu ħafna proprjetajiet fuq ismu, u li ma kellux familjari viċin tiegħu biex jipproteġu l-interessi tiegħu, kien priża ideali għal persuni bħall-konvenut li diġà wera l-propensità li jqarraq għall-interessi u l-gwadann tiegħu.*

*43. Għalhekk jekk jitqies li l-firma li tidher fuq il-kuntratt inkwistjoni hija verament il-firma awtentika ta' Giuseppe Mizzi, il-probabbiltà kbira hija li din spiċċat hemm riżultat ta' agir qarrieqi. Isegwi allura li l-"kunsens" li tixhed il-firma tiegħu fuq l-att, essendo frott ta' għemil doluż, ma jiswiex:*

> *«974. Jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'għemil doluż, ma jkunx jiswa.»*

*44. Issa l-Artikolu 981 jipprovdi hekk:*

> *«981(1) L-għemil doluż huwa motiv ta' nullità ta' ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kinitx tikkuntratta.*
>
> *(2) L-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi pruvat.»*

*45. B'referenza għall-Artikolu 981(2) minkejja li ma saritx prova speċifika tal-għemil doluż da parti tal-konvenut (ċjoè ta' kif huwa seta' nganna lil Mizzi biex dan wasal biex poġġa l-firma tiegħu fuq dokument li kien effettivament il-kuntratt inkwistjoni), din il-Qorti bħal fil-kawża l-oħra 94/2010 ssib li dan fil-fatt huwa każ ieħor fejn iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ meħudin fl-assjem tagħhom jikkostitwixxu prova preżuntiva tad-dolo da' parti tal-konvenut. Fost tali ċirkostanzi li din il-Qorti kkunsidrat supra, jispikkaw ferm il-fatt li l-attur kien anzjan u illitterat, il-fatt li nħasad konsiderevolament meta sar jaf bil-kuntratt in kwistjoni, u l-fatt li l-affidavit tal-10 ta' Ġunju 2009 (li fih l-attur suppost iddikjara li kien biegħ l-artijiet mertu tal-kuntratt tat-30 ta' April 2005 lill-konvenut) ġie dikjarat minn din il-Qorti bħala riżultat ta' mezzi qarrieqa użati mill-konvenut.*

*46. Din il-Qorti, kif għamlet fil-kawża l-oħra, terġa' tagħmel referenza għall-insenjament tal-Corte di Cassazione, fejn ġie ritenut li l-prova talkaptazzjoni tista' tkun preżuntiva, basta tkun ibbażata:*

> *«….su fatti certi che consentano di identificare e ricostruire l'attività captatoria e la conseguente influenza determinante sul processo formativo della volontà del testatore» (Cass. n. 824 del 2014; conf. Cass. n. 14011 del 2008, Cass. 6396 del 2003).*

*47. Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti hija konvinta li jew (i) il-kuntratt kien fabbrikat għalkollox u l-firma ta' Giuseppe Mizzi kienet falsifikata, u jew (ii) minkejja li l-firma ta' Giuseppe Mizzi kienet waħda awtentika ġiet prokurata b'għemil doluż da parti tal-konvenut. Għalhekk iddur fejn iddur, jibqa' l-fatt li fil-kuntratt inkwistjoni huwa nieqes l-kunsens ta' Giuseppe Mizzi.»*

15. Issa l-konvenut Martin Debrincat u l-imsejħa fil-kawża Doris Debrincat (minn issa 'l quddiem imsejħa bħala '*r-ritrattandi*') ressqu rikors fil-11 ta' Ġunju, 2024, għaliex qegħdin jgħidu li hemm raġunijiet tajba biżżejjed biex is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti tiġi ritrattata skont is-**subartikoli (f)**, **(g)** u **(i) tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** minħabba li skonthom: (i) is-sentenza ngħatat fuq ħaġa li mhix imdaħħla fit-talbiet; (ii) fis-sentenza ngħata iżjed minn dak li ntalab; u (iii) fis-sentenza hemm dispożizzjonijiet li jmorru kontra xulxin.

16. Minħabba f'hekk, huma talbu lil din il-Qorti sabiex:

*«tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tad-29 ta' April, 2024 fl-ismijiet premessi mogħtija minn din il-Qorti u dan a tenur tal-artikolu 811(f), (g) u (i) tal-Kap 12 u konsegwentement tordna r-ritrattazzjoni mill-ġdid tal-appell u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.»*

17. L-atturi (minn issa 'l quddiem imsejħa bħala '*r-ritrattati*') wieġbu għal dan ir-rikors fit-13 ta' Awwissu, 2024, u hemmhekk huma taw ir-

raġunijiet tagħhom għaliex jemmnu li r-rikors tar-ritrattandi għandu jiġi miċħud.

18. Inżamm smigħ fit-28 ta' Novembru, 2024, u minn hemmhekk ir-rikors tħalla biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

19. L-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti hija waħda ta' ritrattazzjoni.

20. Naturalment hija u tqis din l-azzjoni, din il-Qorti trid iżżomm f'moħħha li proċedura bħal din hija waħda ta' sura eċċezzjonali li ma tistax tintuża bħala grad ieħor ta' appell (ara ***Michele Peresso Limited et vs. Upim S.r.l.*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ottubru, 2024). Sfiq ma' dan, ma jkunx ħażin li jiġi mfakkar li sentenza li tkun ingħatat u saret ġudikat m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq, imma għandha titwaqqa' biss għal raġunijiet serji u gravi li jkunu tali li l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ tal-imsemmija sentenza jkunu jmorru kontra s-sens ta' ħaqq u ta' ordni pubbliku (ara ***Marc Aquilina et v. Giuseppi Aquilina*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Ottubru, 2014).

21. Illi l-**<u>ewwel żewġ raġunijiet</u>** għalfejn ir-ritrattandi qegħdin jgħidu li s-sentenza tad-29 ta' April, 2024 għandha tiġi mħassra jinsabu msejsa

fuq il-premessa li din il-Qorti mhux biss iddeċidiet fuq ħaġa li ma kinitx imdaħħla fit-talbiet attriċi, iżda wkoll minħabba li din tat aktar minn dak li ntalab fir-rikors maħluf u dan b'riferenza għall-**Artikolu 811(f)** u **(g) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

22. Ir-ritrattandi jargumentaw li l-unika ħaġa li kellha tiddeċiedi l-Qorti tal-Appell hija jekk l-attur Giuseppe Mizzi kienx preżenti għall-firma tal-kuntratt u allura jekk il-firma li tidher fuq dan il-kuntratt kinitx tabilħaqq tiegħu jew le. Minħabba f'hekk ir-ritrattandi jsostnu li ladarba l-espert fil-kaligrafija maħtur mill-Qorti tal-Maġistrati sab li l-firma ta' Giuseppe Mizzi li tidher fuq dan il-kuntratt kienet waħda ġenwina, dan kien ifisser li l-Qorti tal-Appell ma setgħetx tidħol fuq jekk Giuseppe Mizzi ġiex ingannat mill-konvenuti biex jagħti l-kunsens tiegħu.

23. Din il-Qorti tqis li skont l-**Artikolu 811(f) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** hemm lok għar-ritrattazzjoni tas-sentenza jekk il-Qorti fis-sentenza tagħha tagħti xi ħaġa li ma tkunx imdaħħla fit-talba, dik li fil-qasam legali hija magħrufa bħala *extra petita* (ara ***John Aquilina v. Giovanni Coleiro nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju, 1949 (**Kollez. Vol: XXXIII.i.748**)).

24. Fi kliem aktar ħafif, ikun hemm każ ta' *extra petita* jekk fis-sentenza l-Qorti tkun iddeċidiet dwar xi ħaġa li m'hemmx talba dwarha (ara

***Carmelo Cachia et v. Olga Mifsud et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2022).

25. Insibu miżmum fil-ġurisprudenza però li m'hemmx każ ta' *extra petita* fejn Qorti tipprovdi rimedju, li għalkemm ma jissemmiex bħala talba espressa, joħroġ *ex necessaria consequentia* minn talba oħra li tkun magħmula (ara ***Carmen Grixti v. Dr Ivan Grixti*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2023 u ***Middlesea Insurance p.l.c. v. Emanuel Ciantar*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu, 2021).

26. Mill-banda l-oħra, hemm lok għar-ritrattazzjoni skont l-**Artikolu 811(g) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jekk il-Qorti fis-sentenza tagħha tagħti iżjed minn dak li jkun intalab, dak li fil-qasam legali huwa magħruf bħala *ultra petita* (ara f'dan is-sens is-sentenza ***Ronald Agius et v. Paul Portelli*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu, 2007).

27. Biex wieħed jara jekk is-sentenza marritx *extra* jew *ultra petita* huwa meħtieġ li wieħed iħares lejn x'ikun intalab fl-att li bih tkun inbdiet il-kawża (ara ***Marianna sive Manon Calleja et v. Kummissarju tal-Art*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar, 2023).

28. Wara li fliet it-talbiet miġjuba fir-rikos maħluf u l-parti dispożittiva

tas-sentenza tad-29 ta' April, 2024, din il-Qorti ma tistax ħlief tikkonkludi li l-ilment tar-ritrattandi ma fih ebda mertu għaliex ma hu minnu xejn li l-Qorti tal-Appell tbiegħdet minn dak li ġie mitlub fir-rikors maħluf.

29. F'dan il-każ, jirriżulta li fir-rikors maħluf tiegħu, Giuseppe Mizzi kien ressaq tliet talbiet, jiġifieri: (i) biex jiġi ddikjarat li l-kuntratt tat-30 ta' April 2005 huwa null u ineżistenti minħabba li huwa qatt ma resaq għal dak il-kuntratt, b'dan għalhekk li dan il-kuntratt huwa nieqes mill-kunsens tiegħu; (ii) biex jiġi ordnat it-tħassir ta' dan il-kuntratt; u (iii) biex tingħata kull ordni meħtieġa sabiex it-tħassir ta' dan il-kuntratt ikollu effett fil-konfront ta' terzi.

30. Issa meta wieħed iqis dak li talab l-attur Giuseppe Mizzi fir-rikors maħluf ma' dak li pprovdiet din il-Qorti fis-sentenza attakkata, wieħed għandu jsib li dak li ġie mogħti kien sewwasew dak li ntalab, *viz*. it-tħassir tal-kuntratt tat-30 ta' April, 2005. Ma jirriżultax li l-Qorti tal-Appell tat xi ħaġa differenti minn dak li ntalab fir-rikors maħluf jew tat xi ħaġa aktar minn dak li ġie mitlub.

31. F'dan il-kuntest ir-ritrattandi mhumiex siewja meta jippruvaw jagħtu l-impressjoni illi l-azzjoni attriċi għat-tħassir tal-kuntratt tat-30 ta' April, 2005 kienet limitata biss fuq il-falsifikazzjoni tal-firma tiegħu. Anzi din l-allegazzjoni tagħhom tistona mhux ftit mal-eċċezzjoni tan-nullità tar-rikors

maħluf li huma kienu ressqu fir-risposta maħlufa tagħhom, meta sostnew li l-att tar-rikors maħluf għandu jiġi skartat minħabba li skonthom l-azzjoni attriċi nbniet fuq aktar minn raġuni waħda.

32. Iżda lil hemm minn dan, din il-Qorti tqis li meta fil-premessi tar-rikors maħluf tiegħu, Giuseppe Mizzi kien qiegħed jgħid li l-kuntratt tat-30 ta' April, 2005 huwa simulat, falz u frawdolenti fil-konfront tiegħu, tali stqarrija kienet wiesgħa biżżejjed li tinkludi fiha kemm ix-xenarju ta' kuntratt fabbrikat għalkollox b'firma falsifikata (is-simulazzjoni), kif ukoll ix-xenarju ta' firma awtentika iżda li tkun inkisbet b'qerq min-naħa tal-konvenut (il-frodi).

33. L-istess jingħad fil-konfront tal-ewwel talba tar-rikors maħluf sabiex il-kuntratt tat-30 ta' April, 2005 jiġi ddikjarat bħala null minħabba li fih hemm nieqes l-element tal-kunsens li huwa meħtieġ għas-siwi tal-kuntratt. Il-falsifikazzjoni tal-firma jew il-ksib tal-firma b'qerq jirriflettu l-istess ħaġa (i.e. in-nuqqas ta' kunsens ta' Giuseppe Mizzi) u jwasslu għall-istess eżitu (i.e. in-nullità tal-kuntratt).

34. Tajjeb jew ħażin, il-Qorti tal-Appell dehrilha li l-kuntratt tat-30 ta' April, 2005 huwa null għaliex fl-ewwel lok hi ma kinitx daqshekk konvinta bħall-espert kaligrafu li l-firma fuq il-kuntratt kienet tabilħaqq dik ta' Giuseppe Mizzi, u fit-tieni lok għaliex anke jekk stess il-firma ta' Giuseppe

Mizzi setgħet kienet waħda awtentika, il-Qorti tal-Appell kienet tal-fehma li din żgur inkisbet mingħandu b'għemil qarrieqi mwettaq mill-konvenut Martin Debrincat. Il-konklużjoni aħħarija tal-Qorti tal-Appell għalhekk kienet li Giuseppe Mizzi żgur li ma tax il-kunsens tiegħu biex isir il-kuntratt tat-30 ta' April, 2005 għaliex jew il-firma tiegħu ġiet ffalsifikata jew inkella inkisbet mingħandu b'qerq.

35. Ir-ritrattandi jistgħu ma jaqblux ma' dan ir-raġunament li waslet għalih il-Qorti tal-Appell, iżda żgur li ma jistgħux jgħidu li b'dan ir-raġunament il-Qorti tal-Appell marret *ultra* jew *extra petita*. Siewja jew le, il-Qorti tal-Appell ħassret biss il-kuntratt tat-30 ta' April, 2005, li Giuseppe Mizzi semma fir-rikors maħluf.

36. Il-Qorti tal-Appell ma ddeċidiet xejn iktar jew differenti minn dak li Giuseppe Mizzi talab fir-rikors maħluf tiegħu. Jiġi b'hekk, li l-ewwel żewġ raġunijiet imsemmija mir-ritrattandi għalfejn għandha tiġi mħassra s-sentenza tad-29 ta' April, 2024 ma huma mistħoqqa xejn.

37. Ngħaddu għalhekk biex nistħarrġu l-**<u>aħħar raġuni</u>** ta' ritrattazzjoni msemmija mir-ritrattandi taħt l-**Artikolu 811(i) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

38. Ir-ritrattandi jgħidu li s-sentenza attakkata fiha dispożizzjonijiet li

jmorru kontra xulxin għaliex fil-paragrafu 47 tas-sentenza ngħad li l-firma ta' Giuseppe Mizzi jew kienet iffalsifikata jew inkella jekk din kienet awtentika din inkisbet b'qerq. Skont ir-ritrattandi din hija asserzjoni kemxejn kontradittorja għaliex waħda teskludi lill-oħra.

39. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-aħħar ilment tar-ritrattandi la jreġi fil-liġi u lanqas ma jreġi bħala argument.

40. Mill-aspett legali, tajjeb li jingħad li huwa maqbul u miżmum fil-ġurisprudenza li biex ikun hemm dispożizzjonijiet kontra xulxin skont l-**Artikolu 811(i) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, mhux biżżejjed li jkun hemm argumenti, motivazzjonijiet jew raġunijiet kontra xulxin fis-sentenza (ara ***Michelle Shires et v. Giovanna Bonello et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Lulju, 2010). Il-kontradizzjoni trid tirriżulta fid-dispożittiv tas-sentenza u mhux fil-konsiderazzjonijiet, anke jekk dawn tal-aħħar jistgħu jkunu rilevanti biex jitfgħu dawl u jidentifikaw tali kontradizzjoni (ara ***Bernardette Gatt et v. Alessandro sive Sandro Cassano et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar, 2023).

41. Biex jista' jingħad għalhekk li fl-istess sentenza jinsabu dispożizzjonijiet kontradittorji ta' xulxin, jeħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet jeliminaw lil xulxin, b'mod li ma jkunux jistgħu jiġu mwettqin kollha (ara ***Carmen Grixti v. Dr Ivan Grixti*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta'

Novembru, 2023). Fi kliem ieħor, il-kontradizzjoni trid tkun tax-xorta li tippreġudika l-eżekuzzjoni tas-sentenza minħabba li din toħloq inċertezza dwar id-deċiżjoni finali tal-Qorti (ara ***Anthony Mario Vella et v. HSBC Bank Malta plc et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju, 2017).

42. Huwa sewwasew għalhekk li huwa meqjus illi l-**Artikolu 811(i) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ma jistax jiġi invokat fejn is-sentenza jkun fiha dispożittiv wieħed (ara ***Joseph Agius et v. Golu Spiteri*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019 u l-lista ta' sentenzi fiha msemmija).

43. Fil-każ tal-lum ma hemm ebda kunflitt fil-parti dispożittiva tas-sentenza attakkata. Fihom jingħad biss li l-appell tal-atturi kien qiegħed jiġi milqugħ u bħala riżultat ta' hekk ġiet imħassra s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn ġew miċħuda t-talbiet attriċi, biex minflok intlaqgħu dawk it-talbiet, billi ġie ddikjarat li l-kuntratt tat-30 ta' April, 2005 huwa null għax sar mingħajr il-kunsens ta' Giuseppe Mizzi u billi ġie ordnat li dan għandu jiġi mħassar b'riħet kuntratt li għandu jiġu ppubblikat min-Nutar Timothy Ellis, li ġie maħtur għal dan il-għan.

44. Fid-*decide* tas-sentenza attakkata ma hemm l-ebda dispożizzjoni li tmur kontra oħra. Mod ieħor, kull dispożizzjoni li hemm fid-*decide* timxi id f'id ma' dik ta' qabilha. L-ilment tar-ritrattandi taħt din il-kawżali huwa

għalhekk ħażin għaliex il-kunflitt li qed jgħidu li qed jilmħu jinsab fil-motivazzjonijiet li wasslu lil din il-Qorti biex tilqa' l-appell tal-atturi u mhux fid-dispożizzjonijiet tas-sentenza.

45. F'kull każ, lanqas fil-motivazzjoni ma hemm kontradizzjoni.

46. Kellhiex raġun jew le, il-Qorti tal-Appell sabet li Giuseppe Mizzi ma tax il-kunsens tiegħu għall-kuntratt tat-30 ta' April, 2005. Għalhekk ladarba f'dan il-kuntratt kien hemm il-firma tiegħu, il-Qorti tal-Appell irraġunat li dan kien ifisser waħda minn żewġ affarijiet: jew li l-firma ta' Giuseppe Mizzi ġiet iffalsifikata; jew inkella jekk kemm-il darba dik il-firma kienet tiegħu, allura din bilfors li nġabet mingħandu b'qerq. Hawnhekk wieħed jista' jikkontesta s-sejba tal-Qorti tal-Appell dwar jekk huwiex veru li Giuseppe Mizzi ma tax il-kunsens tiegħu għall-kuntratt tat-30 ta' April, 2005. Żgur iżda ma jistax jingħad li r-raġunament li wassal lill-Qorti tal-Appell biex iddeċidiet b'dan il-mod huwa wieħed kontradittorju miegħu nnifsu.

47. Tħares minn fejn tħares għalhekk l-aħħar kawżali tar-ritrattandi imsejjes fuq l-**Artikolu 811(i) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ma jistax jiġi milqugħ.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** it-talbiet kollha ta' Martin u Doris Debrincat għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fid-29 ta' April, 2024, bl-ispejjeż kollha kontra tagħhom.

| | | |
|---|---|---|
| Toni Abela<br>Aġent President | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss